# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 19 ta' Ottubru 2023**

**Appell numru 82/2020**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Clyde Mallia**
**Aidan BARTOLO**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Ġunju 2020 fil-konfront ta' Clyde MALLIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 439899M) u Aidan BARTOLO (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 225497M) fejn ġew mixlija bil-mod segwenti:

   (i) F'xi lejl bejn is-16 u t-18 ta' Jannar 2016, ikkomettew serq ta' flus kontanti, sigaretti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa 'Lunch box' sitwat ġewwa Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Ħamrun liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' Ewro 2,329.37 u l-ħin għad-detriment ta' Pierre Azzopardi, British American Tobacco Malta u/jew persuna/i u'jew entita'/ijiet oħra;

   (ii) Fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara ma

tiskorrix Ewro 2,500 iżda iżjed minn Ewro 250 għad-dannu ta' Pierre Azzopardi, British American Tobacco Malta u/jew persuna/i u jew/ entita' oħra;

(iii) Nhar id-19 ta' Jannar 2016, kmieni filgħodu kkommettaw serq ta' flus kontanti, sigaretti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa Roni's Mini Market sitwat ġewwa Triq L-Imħallef Paolo Debono, Msida liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammon ta' Ewro 2,32937 u l-ħin għad-detriment ta' Noble Samuel u/jew persuna/i/ u entita'/ijiet oħra;

(iv) Fl-istess ċirkostanzi, volontarjment ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara ma tiskorrix Ewro 250 għad-dannu ta' Noble Samuel u/jew persuna/i u jew entita'/ijiet oħra;

(v) Fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Jannar 2016, ikkommettaw serq ta' cash register, flus kontanti u/ jew oġġetti oħra minn ġewwa Truck Shop sitwat ġewwa Triq Ħal Tarxien Gudja liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' Ewro 2,329.37 u l-ħin għad-detiment ta' Keith Gravina u/jew persuna/i u/jew entita'/ijiet oħra;

(vi) Fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru għamlu l-ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara ma tiskorrix Ewro 250 għad-dannu ta' Keith Gravina u/jew persunai u/jew entita'/ijiet oħra;

(vii) Nhar it-28 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu ikkommettew serq ta' flus kontanti, sigaretti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa Diana Kiosk sitwat ġewwa Putirjal Valletta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' Ewro 2,329.37 u l-ħin għad-detriment ta' Anthony Fenech, British American Tobacco Malta u/jew persuna/i u/jew entita'/ijiet oħra;

(viii) Fl-istess ċirkostanzi, volontarjment ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara ma tiskorrix l-Ewro 2,500 iżda iżjed minn Ewro 250 għad-dannu ta' Anthony Fenech, British American Tobacco Malta u/jew persuna/i u/jew entita'/ijiet oħra;

Lil Aidan BARTOLO waħdu talli : -

(ix) Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Diċembru 2015 flus kontanti u/jew oġġetti oħra minn ġewwa Kiosk Tanti Junior Paradise Gelateria sitwat ġewwa x-Xatt tas-Sliema liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' Ewro 2,329.37 u l-ħin għad-detriment ta' Carmelo Tanti u/jew persuna/i u/jew entita'/ijiet oħra;

(x) Fl-istess ċirkostanzi volontarjment ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara ma tiskorrix l-Ewro 250 għad-dannu ta' Carmelo Tanti u /jew persuna/i u/jew entita'/ijiet oħra;

Lil Clyde Mallia waħdu talli :-

(xi) Nhar l-20 ta' Jannar 2016 kmieni filgħodu ikkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, xorb u/jew oġġetti oħra minn ġewwa l-Gudja United Football Club' Kbira Gudja liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċedi l-ammont ta' Ewro 2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Trevor Thomas il-Kumitat u/jew persuna/i u/jew entita'/ijiet oħra'

(xii) Fl-istess ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara ma tiskorrix Ewro 23.29 għad-dannu ta' Trevor Thomas il-Kumitat u/jew persuna/i jew entita'/ijiet oħra;

(xiii) Talli b'hekk kiser waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuq b'digriet għall-ħelsien mill-arrest akkordati lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. A Demicoli LL.D. nhar it-12 ta' Jannar 2016 liema kundizzjonijiet ingħatawlu taħt garanzija personali ta' Ewro 2,500;

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru 3 u 4 fil-konfront taż-żewġ imputati Mallia u BARTOLO, tal-imputazzjonijiet numru 9 u 10 fil-konfront ta' BARTOLO u l-imputazzjonijiet numru 11 u 12 fil-konfront ta' Mallia, kif ukoll astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kwalifika tal-valur fl-imputazzjoni numru 5 addebitata liż-żewġ imputati, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2), 279(a)(b), 280(1)(2), 281, 325(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fir-rigward ta' Clyde Mallia waħdu, wara li rat l-Artikoli 37(2) u 579 tal-imsemmi Kapitolu, filwaqt li illiberat lill-imputati mill-kwalifika tal-valur fl-imputazzjoni numru 7, issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tagħhom u filwaqt li lill-appellant BARTOLO kkundannatu għall-perjodu ta' priġunerija ta' tmienja u għoxrin (28) xahar, lil Clyde Mallia kkundannatu għall-perjodu ta' priġunerija ta' għoxrin (20) xahar. In oltre, fir-rigward ta' Mallia, ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' Ewro 2,500 hekk kif indikat fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest akkordat lill-imputat mill-Maġistrat Dr. A.

Demicoli nhar it-12 ta' Jannar 2016 u finalment irrevokat contrario imperio d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u ordnat l-arrest mill-ġdid ta' Mallia. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputati Mallia u BARTOLO sabiex iħallsu l-ammont ta' sitt mija tnejn u disgħin euro ħamsin ċenteżmu (€692.50) kull wieħed rappreżentanti spejjeż peritali.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi BARTOLO appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn hija astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-imputazztazzjonijiet bin-numru 3, 4, 9, 10 u astjeniet ukoll milli tieħu konjizzjoni tal-kwalifika tal-valur fl-imputazzjoni numru 5, tikkonferma f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-akkużi rimanenti fuq ammissjoni tiegħu stess, filwaqt li tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal terminu ta' priġunerija ta' tmienja u għoxrin (28) xahar effettivi u konsegwentement tipprovi għall-piena aktar mita u idoneja fiċ-ċirkostanzi u dan wara li stqarr is-segwenti:

    (i) Illi huwa evidenti li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet illi ma terogax forom ta' pieni alternattivi minkejja s-sottomissjonijiet tad-difiża f'dan is-sens, prorpju minħabba dina l-konsiderazzjoni ossia l-fatt li l-imputat fil-fehma tal-Qorti ma kienx bniedem affidabbli għaliex kien qiegħed mill-ġdid jiskonta sentenza u li minħabba dan ukoll, ma setax lanqas jiġi sospiż it-terminu ta' priġunerija erogat fil-konfront tiegħu fis-sentenza appellata. Illi madanakollu illum irriżulta effettivament li dan mhux minnu. Illi fil-fatt proprju dakihar li ġiet ippronunċjata s-sentenza kien ġie mħarrek uffiċjal mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jixhed dwar l-istat attwali tal-imputat appellant BARTOLO. Illi għandu jiġi mill-ġdid stabbilt billi jiġi riprodott l-istess uffiċjal sabiex f'dan l-istadju u fil-kors ta' dina l-proċedura jikkonferma l-fatti erogati fil-brani ta' dan l-umli rikors ta' appell fir-rigward ta' jekk il-parole kienx għadu sospiż jew ġie effettivament irrevokat – ossia l-fatt li dakinhar tat-testimonjanza tiegħu il-parole tal-appellant kienet għadha ma ġietx revokata u għaldaqstant l-esponent seta' faċilment ibbenefika minn forom ta' pieni alternattivi partikolarment fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina. Illi f'dan il-kuntest jingħad bir-rispett fil-fatt li l-appellant wera determinazzjoni suffiċjenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkonsidra forom ta' piena alternattiva stante li udjenza wara l-oħra, l-uffiċjal tal-probation addetta mill-appellant intavolat rapport wara l-ieħor li piu o meno jgħidu li huwa kien qiegħed jagħmel progress konsiderevoli u li kien hemm livell sodifaċenti ta' impenn da parti tiegħu f'dan ir-rigward. Illi minkejja dan per sfortuna l-appellant allegatament kellu relapse fil-konsum tad-

droga kokajina u li minħabba dan ġiet sospiża l-parole tiegħu b'dan li kif ingħad ma kien hemm l-ebda deċiżjoni aħħarija f'dan ir-rigward. Illi f'dan il-kuntest jingħad li l-Qorti ġiet żgwidata minn żball ta' xhud u bi produzzjoni ta' nformazzjoni żbaljata li fuq l-iskorta tagħha hija erogat piena li mid-diċitura tas-sentenza stess huwa evidenti li ma kinitx fil-ħsibijiet tal-istess Qorti li kieku ma ġiex iddikjarat dak li effettivament intqal. Illi mhux hekk biss talli din is-sitwazzjoni wasslet sabiex il-Qorti wkoll tonqos milli tikkunsidra l-għoti ta' piena ta' priġunerija sospiża li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 27 (recte: 28) A(7)(a) peress li l-istess appellant fi kliemha qiegħed jiskonta sentenza meta ġjaladarba li l-parole għadha formalment ma ġietx revokata. Illi minbarra dan, jingħad in linja sussidjarja li t-termini ta' priġunerija erogat għad li huwa fil-parametri huwa bla dubju wieħed eċċessiv meta jitqies li l-appellant kellu jiġu kkunsidrat bħala a first time offender. Illi għad li l-esponent kellu perjodu turbolenti fil-ħajja tiegħu u li fiż-żmien li fih tressaq sabiex jirrispondi għal dawn ir-reati huwa kien għaddej minn perjodu ta' dipendenza fuq id-droga, dan il-vizzju l-esponent huwa determinat li jħallih fil-passat u jibqa' jagħmel progress.

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi fil-perjodu ta' bejn Novembru 2015 u t-28 ta' Jannar 2016, il-Pulizija daħlulhom diversi rapporti ta' serqiet li saru fuq magni tas-sigaretti, magna tas-'soft drinks' u magni ta' kwalunkwe oġġett li jbiegħ bis-sistema 'automated' fejn dawn kienu qiegħdin jiġu żgassati u minn ġewwa fihom kienu qiegħdin jinsterqu xi affarijiet. Nhar it-28 ta' Jannar 2016 ġara li l-Pulizija rċevew rapport li kienet qiegħda ssir serqa minn ġewwa Diana Kiosk ġewwa l-Belt Valletta u hekk kif waslu fuq l-post sabu lill-appellant BARTOLO flimkien ma' ċertu Clyde Mallia *in flagrante delicto*. Illi BARTOLO u Mallia ġew infurmati minnufih bl-arrest tagħhom b'rabta mas-suspett raġonevoli tal-Pulizija li huma kienu nvoluti f'din is-serqa.

5. Sussegwentement il-Pulizija bdiet tinvestiga wkoll is-serje ta' serqiet l-oħra li kienu ġew rapportati filwaqt li ttieħdet ukoll stqarrija bil-miktub lil BARTOLO u lil Mallia. Jirriżulta wkoll illi mill-istqarrijiet illi ttieħdu lis-suspettati BARTOLO u Mallia, flimkien ma' analiżi ta' varji CCTV footages, il-Pulizija setgħet tasal għall-involviment ta' BARTOLO u ta' Mallia f'dawk id-diversi serqiet li kienu ġew irraportati lilhom.

6. Illi mbagħad kien nhar id-29 ta’ Jannar 2016 li l-appellant BARTOLO flimkien mal-ko-imputat Clyde Mallia deheru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali mixlija, fost oħrajn, b’diversi serqiet li saru bejn Novembru 2015 u Jannar 2016. Fis-seduta ta’ nhar it-13 ta’ Jannar 2020, Aidan BARTOLO rreġistra ammissjoni skont il-Liġi għall-imputazzjonijiet kif emendati dakinhar stess mill-Prosekuzzjoni u dan fir-rigward tal-imputazzjoni numru 1, 2, 5 mingħajr il-kwalifika tal-valur, 6, 7, 8. Il-ko-imputat Clyde Mallia wkoll irreġistra ammissjoni skont il-Liġi għall-imputazzjonijiet kif emendati mill-Prosekuzzjoni u dan fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Frar 2020.

7. Illi fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, nhar l-10 ta’ Ġunju 2020 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant BARTOLO u lill-ko-imputat Clyde Mallia, ħatja tal-imputazzjonijiet kif ingħad aktar ‘il fuq f’dan id-digriet u kkundannat lil BARTOLO tmienja u għoxrin xahar priġunerija filwaqt li fir-rigward ta’ Mallia imponiet terminu karċerarju effettiv ta’ għoxrin xahar u rrevokatlu d-digriet tal-ħelsien mill-arrest li kien in vigore fil-mument tat-twettiq tar-reati li tagħhom instab ħati fuq ammissjoni kif ingħad.

8. Illi l-appellant BARTOLO appella minn din is-sentenza fejn fil-mori tal-appell quddiem din il-Qorti nhar it-22 ta’ Ottubru 2020 ressaq talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħha f’Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema talba ġiet milqugħa permezz ta’ digriet datat 30 ta’ Settembru 2021. Għal dan il-għan instemgħu x-xhieda ta’ Nancy Portelli mill-Aġenzija Sedqa flimkien mal-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia, it-tabib Mario Scerri li kien it-tabib tal-familja ta’ BARTOLO u, lil Dr. Roberta Holland.

9. Illi mbagħad nhar l-4 ta’ Jannar 2023, il-Bord ta’ Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga rraporta lura b’mod pożittiv fejn permezz ta’ nota ffirmata minn Dr. Noel Camilleri ġie dikjarat li l-każ tal-appellant BARTOLO ġie magħluq b’suċċess.

**Ikkunsidrat**

10. Illi jirriżulta kif ingħad aktar ‘il fuq f’din is-sentenza li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga rraporta lura lil din il-Qorti kif il-proċess ta’ riabiltazzjoni ta’ BARTOLO kien wieħed pożittiv. Din il-Qorti rat ukoll li skont dak li xehdet l-esperta nominata

mill-Qorti Dr. Roberta Holland, l-appellant kien ilu afflitt mill-vizzju tad-droga qabel l-eta' ta' sbatax -il sena hekk kif ta' eta' żgħira BARTOLO kien beda jagħmel użu mid-droga cannabis u mbagħad ta' sbatax -il sena beda jabbuża wkoll mid-droga kokajina. Hija irrelatat li sa meta laħaq l-eta' ta' tmintax -il sena d-dipendenza tiegħu fuq id-droga saret waħda akuta u kienet infiltrat f'kull aspett ta' ħajtu. F'dan ir-rigward f'paġna 17 tar-rapport tagħha mbagħad ikkonkludiet 'wieħed jista' jikkonkludi li r-reati kriminali li wettaq kienu jikkorrelataw ma' tali użu u stil ta' ħajja'. Mill-analiżi tagħha ikkonkludiet ukoll li l-appellant kien ilu dipendenti mid-droga għal tal-inqas sentejn qabel il-fatti li taw lok għall-każ in diżamina u li d-dipendenza kienet ilha li ħakmitu snin qabel. Għaldaqstant jista' jitqies li ġie sodisfaċentement ippruvat tal-inqas fuq bażi ta' probabilita li r-reati li tagħhom ġie mixli bihom f'dawn il-proċeduri u li minħabba fihom ġie rreferut lill-Bord, kienu sostanzjalment attriwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

11. Dan ikun ifisser li l-appellant BARTOLO jikkwalifika għall-applikazzjoni tas-subinċiżi (7) u (8) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont is-subinċiż (7) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ ta' sejbien ta' ħtija għar-reati lilu addebitati, jew f'dan l-istadju, f'każ fejn din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hija tkun tista' ma timponix il-piena mandatorja ta' priġunerija effettiva u minflok timponi piena alternattiva taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jew piena karċerarja b'effetti sospiżi ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Għalkemm l-appellant BARTOLO ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, huwa xorta waħda ma rrinunzjax għar-rikors tal-appell tiegħu. Madanakollu, jirriżulta kif l-uniku aggravju mqajjem mill-appellant huwa dak konċernanti l-piena ta' tmienja u għoxrin xahar priġunerija effettiva nflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu f'dak li jirrigwarda l-mertu tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu huwa rreġistra ammissjoni skont il-Liġi. Biss, jilmenta li l-piena inflitta hija waħda eċċessiva u li fiċ-ċirkostanzi mhix sejra tgħin ir-riabilitazzjoni tal-appellant mill-vizzju tad-droga u sejra tkun ta' ostakolu għall-pjan ta' reintegrazzjoni tal-appellant fis-soċjeta'.

13. Illi kif diġa' ġie rilevat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, jirriżulta li l-appellant għalaq b'suċċess il-programm li ġie mħejji għalih mill-Bord ta' Riabiltazzjoni għall-Persuni li Nqabbdu bid-Droga. Ikun għalhekk

isegwi illi ġjaladarba din il-Qorti issa assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tar-rakkomondazzjonijiet tal-Bord kif ingħad, dan l-uniku aggravju tal-appellant konċernanti l-piena nflitta jkun jistħoqqlu li jintlaqa'.

14. Ukoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu, din il-Qorti mhix sejra tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija hekk kif lanqas sejra teskludi l-applikazzjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija jew tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi wara li rat l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-appell interpost u tgħaddi sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-imputat appellant u dan stante l-ammissjoni tiegħu magħmula skont il-Liġi u tħassarha f'dik il-parti konċernanti piena u minflok il-piena ta' tmienja u għoxrin xahar priġunerija effettivi, bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġieh fuq Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' tlett snin mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti wkoll qiegħda twissi lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-Liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation u/jew jekk huwa jikser xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fid-digriet li permezz tiegħu huwa sejjer jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation kif ingħad. Issa ż-żmien li l-appellant juri li verament ġie riabilitat mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u li allura "he means business". Imma mhux biss. Issa ż-żmien li juri li jista' jimxi l-quddiem f'ħajtu l-bogħod mill-abbuż mid-droga u li "he can walk the talk". Fil-każ li ma jżommx ma dan, il-konsegwenzi għal għamilu jaf x'sejrin ikunu.**

**In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi dawn ir-reati m'għandhomx jitqies għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Altrimenti l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**